# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 51 – IL-ĦAMIS 7 TA' FRAR 2013

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fit-7:40pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Anthony Mifsud | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| | Antoine Vella | Kunsillier (wasal fit-7:45pm) |
| | Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| | Anatole Scerri Diacono | Kunsillier (wasal fit-8:20pm) |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

Ma kienx hemm membri tal-pubbliku.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA NRU. 50**

1.1 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil li para. 2.3 tiġi taqra kif ġej 'Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar para. 6.9 *dwar il-kaxxa s-safra ta' Triq Sir Leslie Rundle*, is-SE infurmat li kienet bagħtet tfakkira dwarha lil TM. Infurmat li kienet bagħtet oħra wkoll rigward it-talba *tal-Kunsillier Vella* għal sleeping policeman quddiem Binja Ġebel Dwejra'.

1.2 Sadanittant hawn wasal il-Kunsillier Vella u huwa wkoll qabel ma' din il-proposta.

1.3 Il-minuti tal-laqgħa nru. 50 ġew approvati unanimament kif emendati u ffirmati mis-Sindku u s-SE.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-SE infurmat li l-*power washer* kienet inġabet għal nofstanhar sabiex tnaddfet il-bankina ta' ħdejn l-Iskola Primarja. Hawnhekk il-Viċi Sindku informa li l-Kap tal-Iskola kienet bagħtet nota ta' ringrazzjament lill-Kunsill.

2.2 Is-SE infurmat li r-rampa ta' ħdejn it-torri tal-ilma kienet ġiet irranġata temporanjament.

2.3 Is-SE infurmat li s-*sleeping policeman* ta' quddiem Binja Ġebel Dwejra kienet ġiet approvata minn TM. Minħabba li din trid issir tal-asfalt u mhux tal-lastiku, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna s-servizz tal-perit.

2.4 Is-SE infurmat li saret *on-site inspection* mar-rappreżentant tal-Enemalta biex juri fejn jistgħu jitpoġġew l-arbli madwar Binja Qlejgħa. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jagħmel sejħa għall-kwotazzjonijet pubbliċi sabiex jitwaħħlu żewġ arbli fi Triq ir-Reġimenti Maltin, arblu fit-trejqa ta' fuq Triq il-Maqdes Ruman (ħdejn it-taraġ) kif ukoll numru ta' lampi fil-passaġġ ta' Binja Msieraħ.

2.5 Is-SE infurmat li kienu ntbagħtu l-ittri lir-residenti ta' Binja Buqana, Triq il-Gladjoli, madwar il-parkeġġ ta' Triq is-Sardinell u lir-residenti ta' Binja Ġebel Dwejra dwar il-parkeġġi riservati għar-residenti. Hija infurmat li kien hemm biss oġġezzjoni waħda mingħand residenta li toqgħod f'Binja Ġebel Dwejra. Għaldaqstant il-Kunsill kollu qabel li s-SE għandha tmexxi bl-applikazzjonijiet lil TM. Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni li minħabba li kellha dubju dwar jekk ir-responsabbiltà tal-parkeġġ ta' quddiem Binja Qlejgħa huwiex tal-Kunsill jew tal-Binja nnifisha, kienet għadha ma ntbagħtitx l-ittra lil dawn ir-residenti. Hawnhekk kien hemm qbil li għandha tintbagħat l-ittra lill-kumitat u kemm-il darba ma tintbagħat risposta lura, għandha tintbagħat l-ittra lir-residenti individwali.

2.6 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet iltaqgħat ma' rappreżentanti ta' TM fejn dawn ma sabux oġġezzjoni li jitressaq il-*bus shelter* ta' quddiem il-ħanut taż-żebgħa għal faċċata Triq il-Konti Theuma Castelletti. Minħabba li kien hemm bżonn ta' xi pjanti biex issir l-applikazzjoni, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna sakemm ikollu s-servizz ta' perizja.

2.7 Is-SE infurmat li l-ittra lis-Sur Borg dwar para. 2.12 kienet intbagħtet.

2.8 Is-SE infurmat li ma kinitx għadha rċeviet aktar kwotazzjonijiet dwar id-dawl għal-monument. Kien hemm qbil li għandu jsir avviż pubbliku għal kwotazzjonijiet.

2.9 Is-SE infurmat li b'riferenza ma' para. 3.2, kienu tħawlu s-siġar fi Triq Gregorio Caraffa.

2.10 B'riferenza għal para. 3.4, is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva korrispondenza mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li l-applikazzjoni għall-fondi għar-restawr tal-arloġġ ma kinitx ġiet aċċettata.

2.11 Is-SE infurmat li l-iMtarfa Drama Group kienu għamlu talba sabiex jarmaw posta matul il-ġranet tal-pageant. Kien hemm qbil li għandhom jitħallew jarmawha man-naħa tal-ħanut tax-xagħar.

2.12 Is-SE infurmat li l-MEPA kienet se tiltaqa' rigward il-permess tal-bosk. Hija infurmat li dan il-proġett diġà kien ġie rakkomandat għall-approvazzjoni. Hija infurmat li huwa importanti li l-Kunsill jingaġġa s-servizz ta' perizja b'mod speċjali minħabba li dan il-proġett għandu jitlesta sal-2014.

2.13 Rigward para. 3.12, is-SE infurmat li x-xogħol fuq il-*barracks* kien wasal fl-aħħar. Minħabba li kien hemm xi xogħlijiet li diġà saru żejda kif ukoll kien hemm xi *planters* oħrajn li għad irid isir xi xogħol fuqhom, kien hemm qbil li l-kuntrattur għandu jlesti ż-żona kollha sakemm ma jinqabżux l-20% tat-total tal-offerta tiegħu. Kemm-il darba jkun fadal xi xogħlijiet, kellu jinħareġ avviż pubbliku għall-kwotazzjonijiet.

2.14 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Scerri Diacono. Il-ħin kien it-8:20pm.

2.15 B'riferenza għal para. 3.15, is-SE infurmat li din l-applikazzjoni se tiġi diskussa mill-Bord tal-MEPA għalkemm hija wkoll rakkomandata għall-approvazzjoni. Kien hemm qbil li għandha tintbagħat ittra lir-residenti tal-madwar sabiex jiġu avżati bix-xogħlijiet.

2.16 Il-Kunsillier Scerri Diacono preżenta kwotazzjonijiet għall-*parquet* rigward para. 3.6. Dawn ivarjaw minn €1714 sa €2070. Kien hemm qbil li din għandha tkun deċiżjoni li tittieħed aktar ‘il quddiem.

2.17 Is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali kienu qed jitolbu li l-Kunsill jgħaddi l-ħlas ta’ €35,000 għal xogħlijiet li twettqu fuq il-proġett tal-bandli, u liema fondi kienu ngħataw lill-Kunsill mill-iskema ta’ lokalitajiet żgħar. Għaldaqstant hija preżentat żewġ kontijiet iċċertifikati mill-Perit Casha għal dan l-ammont. Il-Kunsill qabel li għandu jinħareġ dan il-ħlas.

2.18 Is-SE infurmat li kienet għamlet kommunikazzjoni ta’ żewġ studenti li qed jistudjaw għal *librarians* mal-Università ta’ Malta fejn dawn offrew li jirranġaw il-librerija bla ħlas b’madwar 200 siegħa xogħol bħala parti mill-*works experience* tagħhom. Il-Kunsill approva din l-inizjattiva.

2.19 Is-SE infurmat li kienet ġiet aċċettata l-applikazzjoni tal-Kunsill mal-KMS fejn il-Kunsill kien se jieħu lura 50% tal-ispiża għall-massimu ta’ €3971 (€1985.50).

2.20 Is-SE fakkret lill-Kunsill li l-Ħadd ta’ wara kien se jkun hemm l-attività tal-Karnival u għaldaqstant ħeġġet lill-Kunsill kollu sabiex jattendi.

2.21 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar id-dawl għal Binja Msieraħ, kien hemm qbil li għandu jsir avviż pubbliku fuq il-gazzetti għall-istimi tad-dwal kollha. Is-SE infurmat li fir-rigward ta’ Binja Msieraħ, il-Kunsill kien qed ikun mistenni jħallas għax-xogħlijiet u l-manutenzjoni tad-dwal, filwaqt li l-Awtorità kienet se tieħu ħsieb l-ispiża tal-lampi.

2.22 Għall-mistoqsija tal-Viċi Sindku dwar il-bankina għal quddiem Binja Msieraħ, is-SE infurmat li l-Perit David Vassallo kien ikkonfermalha li x-xogħol għandu jsir fi żmien qasir.

## 3. Kommunikazzjoni Mis-Sindku

3.1 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tagħmel talba oħra għad-devoluzzjoni tat-Torri tal-Ilma lill-Kunsill.

3.2 Għat-talba tas-Sindku sabiex issir manutenzjoni fuq il-bus shelter ta’ quddiem id-Dar tal-Anzjani, is-SE infurmat li dan kien ġie rranġat aktar kmieni dik il-ġimgħa.

3.3 Is-Sindku talab lis-SE sabiex tfakkar lil TM li kienu għadhom ma baxxewx il-livell tat-triq quddiem Mrs Upton fi Triq l-Imtarfa.

3.4 Is-Sindku informa li matul dik il-ġimgħa kienet inħarġet l-offerta għall-*equipment* u r-*rubber matting* tal-*playing field* tal-Imtarfa fuq il-Gazzetta tal-Gvern mill-Gvern Ċentrali.

3.5 Hawnhekk is-SE infurmat li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien talab lill-Kunsill biex jaffettwa l-ħlas ta’ €35,000 li l-Kunsill kien rebaħ minn skema tal-istess Dipartiment għal xogħlijiet li saru diġà fuq l-istess *playing field*. Il-Kunsill qabel li l-Kunsill għandu jgħaddi l-pagament ta’ €35,000.

3.6 Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tixtri *laptop* ġdid għall-użu tal-Kunsill.

3.7 Hawnhekk is-SE ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill dwar Memo 60/2012 dwar allegati abbużi fil-lokalitajiet fuq id-dwal tat-toroq u talbet lill-Kunsill sabiex jinfurmaha jekk jafu b’xi abbużi li saru. Il-Kunsilliera kollha infurmaw li ma jafu bl-ebda abbuż ta’ dawl li sar fi żmienhom.

3.8 Is-Sindku informa li kien irċieva kommunikazzjoni mingħand is-Sur Joseph Micallef li joqgħod f'Binja Qlejgħa fejn talab lill-Kunsill biex iċaqlaq l-iskips li hemm fil-parkeġġ. Il-Kunsill kien se jikkunsidra din it-talba aktar 'il quddiem.

3.9 Is-SE infurmat li kellha talba sabiex jiġi ċċelebrat tieġ mis-Sindku bejn koppja Ingliża fl-uffiċċju tal-Kunsill filwaqt li wara tintuża wkoll is-Sala għal bibita min-naħa tagħhom. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni. Kien hemm qbil li għandha tintalab is-somma ta' €200 għall-użu, armar u tindif tas-sala.

3.10 Il-Kunsill kien irċieva talba mingħand persuna li se tiġi toqgħod fi Triq Sir Philip Pullicino fejn talbet l-approvazzjoni tal-Kunsill sabiex tpoġġi tank tal-gas kbir taħt il-passaġġ fuq in-naħa ta' wara tar-residenza. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni sakemm jinġabu l-permessi kollha neċessarji u jassiguraw li ma jkunx hemm periklu għal terzi persuni.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Is-SE preżentat rapport li juri d-dħulijiet li kellu l-Kunsill matul ix-xahar ta' Jannar. Kopja tiegħu hija annessa.

4.2 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.3 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li kien reġa' wasal iż-żmien sabiex tiġġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus mal-AKL. Il-Kunsill approva.

4.4 Is-SE preżentat it-tabella tar-rati tal-kwotazzjonijiet li jirrigwardjaw il-pageant. Wara konsultazzjoni kien hemm qbil li jingħataw kif ġej:

a) **Filmat** – Gemstar għal prezz fiss ta' €385.

b) **Dawl** – Kien hemm qbil li sabiex il-prezz ma jogħliex iżżejjed, il-Kunsill kien se jassigura li x-xogħol ta' sound u dawl għall-pageant kollu ma jmurx oltre l-20 siegħa. Meta ġew ikkalkulati l-20 siegħa, il-prezzijiet ammontaw għal €1239 għal ITC, €1928.15 għal Transient u €1298 għal Digital Magic. Kien hemm qbil li l-offerta tas-*sound* għandha tingħata lill-ITC għall-prezz ta' €1239.

ċ) ***Sound*** – kien hemm biss offerta waħda, dik ta' Digital Magic għal prezz fiss ta' €1534. Il-Kunsill qabel li jagħti din l-offerta lil Digital Magic.

Hawnhekk kien hemm qbil ukoll li l-iMtarfa Drama Group għandhom jitħallew jarmaw mejda matul il-ġranet tal-*pageant* fuq in-naħa tal-binja tal-Kunsill.

4.5 Is-SE infurmat li t-tliet noticeboards tal-Kunsill kienu f'sitwazzjoni verament ħażina. Hija talbet biex dawn jinbidlu ma' oħrajn ġodda u jikbru fid-daqs. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandha ssir biss manutenzjoni fuq li hemm.

4.6 Is-SE infurmat li kienet se tinħareġ skema għal taħriġ tal-istaff mill-ETC fejn il-Kunsill seta' japplika għal numru ta' korsijiet fejn 75% tal-flus kienu se jiġu mogħtija lura mill-istess korporazzjoni filwaqt li kumpanija lokali kienet qed toffri li kemm-il darba l-Kunsilli japplikaw magħha, kienet se trodd lura anke l-25% tal-ammont. Kien hemm qbil li s-SE u l-iskrivan għandhom japplikaw għal numru ta' korsijiet taħt din l-iskema sakemm ikunu rilevanti għax-xogħol tagħhom mal-Kunsill.

**5. AĠĠUDIKAR TAL-OFFERTI**

5.1 **Offerta għal Ġbir ta' Skart Domestiku:** Is-SE infurmat li wara li hi flimkien mal-Kunsilliera Vella u Scerri Diacono kienu ltaqgħu biex jagħmlu rapport dwar l-offerta tal-iskart, il-membri tal-Kunsill kienu reġgħu ltaqgħu bħala sotto-kumitat sabiex tiġi aġġudikata l-offerta. Għal din il-laqgħa kien hemm nieqes il-Kunsillier Scerri Diacono. L-offerta ġiet aġġudikata bis-sistema tal-MEAT (*most economically advantageous tender*) skont il-punti li ġew determinati minn qabel mid-Dipartiment. Wara li ngħataw il-punti, ir-riżultat iffavorixxa lis-Sur Christ Gatt li ġab 336.8 punt.

5.2 Il-Kunsill ħa r-rakkomandazzjoni tal-bord tal-aġġudikazzjoni u għaldaqstant l-offerta tal-iskart ingħatat lis-Sur Christ Gatt. Hawnhekk is-SE infurmamt li probabbilment il-Kunsill kien se jirċievi ittra ta' appell kontra din id-deċiżjoni għaliex kien avviċinaha wieħed mid-Diretturi ta' N.C.C.

5.3 Hawnhekk ittieħed vot minħabba li ma kienx hemm qbil sa meta għandu jitħalla għaddej il-kuntratt preżenti, dak ta' Northern Cleaning Company. Id-deċiżjoni kienet li jieqaf sal-aħħar ta' Frar b'żewġ voti favur mill-Kunsilliera Fenech u Vella, żewġ astensjonijiet mill-Kunsilliera Bugeja u Scerri Diacono u s-Sindku jivvota għall-aħħar ta' Marzu.

5.4 **Offerta għat-tindif u manutenzjoni tal-Latrini Pubbliċi:** Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li ġurnata qabel mal-bord tal-aġġudikazzjoni kien se jaġġudika l-offerta tal-latrini, il-Kunsill kien irċieva ittra mingħand is-Sur Vincent Said fejn dan kien qed jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kunsill li jerġa' joħroġ l-offerta wara sentejn għaliex skont hu, il-kuntratt kien għal tlett snin. Is-SE infurmat li minħabba li ma rnexxilhiex issib kopja tal-kuntratt iffirmat, kienet talbet parir mingħand l-avukat rigward il-kwistjoni. Sal-ħin tal-laqgħa ma kinitx għadha rċeviet risposta lura. Għaldaqstant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jistenna risposta mingħand l-avukat qabel ma jipproċedi. Is-Sur Said se jerġa' jiġi mitlub iġedded il-garanzija.

5.5 **Offerta għall-modifikazzjoni ta' Parkeġġ:** Il-Kunsill ikkonferma l-offerta tas-Sur Ricky Caruana bħala l-aktar waħda vantaġġjuża.

5.6 Minħabba li l-*accountant* tal-Kunsill naqas milli jattendi għal-laqgħa hekk kif mitlub, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jaqbeż punti 6, 7 u 8 u jmur għall-punt numru 8.

**6. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV**

6.1 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Scerri Diacono kien hemm qbil li fl-aħħar paragrafu għandhom jissemmew l-ismijiet tal-Kunsilliera kollha. Ir-rapport kien approvat b'mod unanimu.

**7. APPROVAZZJONI TAD-DOKUMENTI GĦALL-OFFERTA GĦAL PERIT**

7.1 Is-SE talbet lill-Kunsill jekk hemmx xi suġġerimenti jew talbiet għal tibdil fir-rigward tad-dokument tal-offerti għas-servizz tal-Perit.

7.2 Wara diskussjoni kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika numru ta' punti żgħar u tinforma lill-Kunsill bihom.

## 8. SKEMA IMPJIEG TA' PERSUNA B'DIŻABBILTÀ

8.1 Is-SE infurmat li kienet irċeviet lista ġdida fejn kien hemm persuna waħda li kienet applikat għal din l-iskema. Kien hemm qbil li din il-persuna għandha tintalab tattendi għal intervista nhar il-Ġimgħa 15 ta' Frar 2013.

## 9. PUNTI OĦRA

9.1 B'riferenza għal punt 3.5, il-Viċi Sindku informa li kien tkellem mal-Perit David Vassallo u dan kien infurmah li l-kisi mill-ġdid ta' Triq l-Anzjani u Triq il-Kavallier Bonello kien ġie approvat. Is-SE infurmat li Transport Malta kienu diġà infurmaw lill-Kunsill b'dan xi ġimgħat qabel u li iżda kienu għadhom se jikkomunikaw il-ġurnata li fiha kien se jsir ix-xogħol.

9.2 Fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku kien hemm qbil unanimu li kemm-il darba d-Dar tal-Anzjani taċċetta, kien se jitwaħħal poġġaman mal-ħajt tagħhom sabiex ikun ta' għajnuna għall-anzjani huma u telgħin jew neżlin minn Triq l-Anzjani.

9.3 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li kien attenda għal konferenza stampa u laqgħa ta' informazzjoni dwar tnedija ta' azzjoni 413.2 organizzata mill-MAGF dwar appoġġ għas-settur tas-snajja u l-artiġjanat għall-promozzjoni tal-prodotti lokali.

9.4 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li kien tkellem ma' persuna li setgħet tgħin sabiex il-Bank of Valletta jinstallaw ATM fil-lokalità. Huwa għadda d-dettalji lis-SE sabiex tibgħatlu korrispondenza.

9.5 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li wara li għamel talba lill-Perit David Vassallo, dan kien għaddielu kwotazzjoni għar-restawr tal-faċċata tal-arloġġ biex il-Kunsill ikollu idea ta' kemm jiġi jiswa dan ir-restawr. Il-kwotazzjoni tammonta għal madwar €8760 jekk isir ix-xogħol bl-i*scaffolding* u €6921 jekk isir ix-xogħol permezz ta' *cherry picker*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jdaħħal dan il-proġett fuq il-pjan ta' tlett snin.

9.6 Il-Kunsillier Scerri Diacono informa li kien wassal petizzjoni f'forma ta' oġġezzjoni f'ismu bħala resident kif ukoll f'isem ir-residenti ta' Triq Sir Philip Pullicino fir-rigward ta' żvilupp li kien qed jiġi pjanat fuq ir-razzett ta' warajhom. Hawnhekk is-SE infurmat li hi kienet għaddiet kommunikazzjoni lill-MEPA sabiex jassiguraw li l-applikazzjoni tiġi segwita mil-lat ambjentali u biex l-applikant jiġi mitlub jagħmel *Environmental Impact Assessment*.

9.7 Hawnhekk il-Kunsillier Scerri Diacono informa li huwa kien sab il-bieb ta' barra magħluq mal-wasla tiegħu, probabbilment għaliex xi ħaddieħor fil-binja kien ħareġ wara li daħlu l-kumplament tal-Kunsilliera. Kien hemm qbil li l-katnazz tal-bieb għandu jittella' fuq meta jkun hemm laqgħa tal-Kunsill sabiex jiġi assigurat li l-sala tal-Kunsill tkun aċċessibbli meta jkun hemm il-laqgħa.

9.8 Is-SE fakkret lill-Kunsill li l-Ħadd 17 ta' Frar kienet se tinżamm il-laqgħa tal-lokalità u għaldaqstant il-Kunsilliera kollha kienu mitluba jattendu.

## 10. AĠĠORNAMENT

10.1 Il-laqgħa spiċċat fl-10:15pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 25 ta' Marzu fit-3.30pm.

_________________________ _________________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Anthony Mifsud**
**Sindku**